EBA/GL/2019/03

6 ta’ Marzu 2019

# Linji gwida

EBA/GL/2019/03

6 ta’ Marzu 2019

# Linji gwida dwar l-istima tal-LGD xierqa għal tnaqqis fir-ritmu ekonomiku (“Stima tal-LGD ta’ tnaqqis”)

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rappurtar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk ikunux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa ([jj.xx.ssss]). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi mill-EBA. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza "EBA/GL/2019/03". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrappurtaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità għandu jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Suġġett, kamp ta’ applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw ir-rekwiżiti għall-istima tat-telf fil-każ ta’ inadempjenza (LGD) xierqa għal tnaqqis fir-ritmu ekonomiku skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 6 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Artikolu 181 ta’ dak ir-Regolament u l-abbozz finali tal-istandards tekniċi regolatorji tal-EBA dwar il-metodoloġija ta’ valutazzjoni tal-IRB EBA/RTS/2016/03 [RTS dwar il-metodoloġija ta’ valutazzjoni tal-IRB] tal-21 ta’ Lulju 2016 kif ukoll l-abbozz finali tal-istandards regolatorji tal-EBA dwar l-ispeċifikazzjoni ta’ tnaqqis fir-ritmu ekonomiku EBA /RTS/2018/04 [RTS dwar it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku] tas-16 ta’ Novembru 2018. Dawn il-linji gwida għandhom jitqiesu bħala emenda tal-EBA dwar l-istima tal-PD, l-istima tal-LGD u t-trattament tal-iskoperturi inadempjenti EBA/GL/2017/16 [LG tal-EBA dwar il-PD u l-LGD] ippubblikati fl-20 ta’ Novembru 2017.

## Kamp ta’ applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-Approċċ IRB skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-metodi kollha bbażati fuq l-istimi proprji tal-LGD. L-użu ta' stimi proprji tal-LGD xierqa għal tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, skont dawn il-linji gwida, huwa soġġett għal approvazzjoni superviżorja skont l-Artikolu 144 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Dawn il-linji gwida ma japplikawx għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji għal riskju ta’ dilwizzjoni, skont l-Artikolu 157 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

## Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## Definizzjonijiet

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE u fil-[LG tal-EBA dwar il-PD u l-LGD] għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta’ dawn il-linji gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Kwantifikazzjoni tal-LGD ta’ tnaqqis | Il-kwantifikazzjoni tal-LGD ta’ tnaqqis tkopri l-elementi kollha tal-kwantifikazzjoni tal-LGD ta’ |

| | |
|---|---|
| | tnaqqis, inklużi l-kwantifikazzjoni tal-mira ta' kalibrazzjoni, il-kwantifikazzjoni tal-istimi li jirriżultaw tal-LGD ta' tnaqqis fil-livell tal-grad u tal-aggregazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-marġni ta' konservatiżmu (MoC). |
| Kalibrazzjoni tal-LGD ta' tnaqqis | It-terminu kalibrazzjoni tal-LGD ta' tnaqqis fil-kuntest ta' dawn il-linji gwida jirreferi għall-kwantifikazzjoni tal-mira ta' kalibrazzjoni fil-livell rilevanti. |
| Stimi tal-LGD ta' tnaqqis | Dawn huma l-istimi tal-LGD xierqa għal tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fil-livell tal-grad jew tal-aggregazzjoni wara l-kalibrazzjoni iżda qabel l-applikazzjoni tal-MoC. |

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta' applikazzjoni

9. Dawn il-linji gwida jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021. Jenħtieġ li sa dak iż-żmien l-istituzzjonijiet jinkludu r-rekwiżiti ta' dawn il-linji gwida fis-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħhom, iżda l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jħaffu l-iskeda taż-żmien ta' din it-tranżizzjoni skont id-diskrezzjoni tagħhom.

## L-ewwel applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida

10. Il-funzjoni ta' validazzjoni interna tal-istituzzjoni għandha tivverifika l-bidliet li jiġu applikati għas-sistemi ta' klassifikazzjoni bħala riżultat tal-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida, b'mod konsistenti mal-abbozz finali tal-istandards tekniċi regolatorji tal-EBA dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-IRB EBA/RTS/2016/03 [RTS dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-IRB] tal-21 ta' Lulju 2016 u l-klassifikazzjoni tal-bidliet skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 529/201411.

11. L-istituzzjonijiet li jeħtieġ li jiksbu permess minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 143(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-Regolament (UE) Nru 529/2014, għall-bidliet fis-sistemi ta' klassifikazzjoni meħtieġa biex dawn il-linji gwida jiġu inkorporati għall-ewwel darba sal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 9, jenħtieġ li jiftiehmu mal-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar l-iskadenza finali għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal tali permess minn qabel.

12. Qabel l-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida, l-istituzzjonijiet jeħtieġ li jidentifikaw il-perjodi rilevanti ta' tnaqqis għat-tip ta' skopertura kkunsidrata skont l-EBA sottomessa [RTS dwar it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku]. Il-linji gwida jiġu adattati, fejn ikun rilevanti, meta l-RTS dwar it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jiġu ppubblikati fil-verżjoni finali tagħhom fil-ĠU.

# 4. Rekwiżiti ġenerali dwar l-istima tal-LGD ta' tnaqqis

13. Sabiex jikkwantifikaw l-LGDs li huma xierqa għal tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li japplikaw id-definizzjonijiet u r-rekwiżiti kollha stabbiliti fit-Taqsima 4, it-Taqsima 6, it-Taqsima 7, it-Taqsima 8 u t-Taqsima 9 tal-Linji gwida tal-EBA dwar l-istima tal-PD, l-istima tal-LGD u t-trattament tal-iskoperturi inadempjenti (EBA/GL/2017/16) tal-20/11/2017 (LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD) li huma rilevanti għal dan il-għan.

14. Minbarra l-paragrafu 13, sabiex jikkwantifikaw l-LGD ta' tnaqqis, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin speċifiċi għall-istimi tal-LGD ta' tnaqqis skont il-grad jew l-aggregazzjoni ta' faċilità:
    (a) jikkalibraw l-LGD ta' tnaqqis tal-anqas fl-istess livell li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw l-LGD medju fuq perjodu twil korrispondenti għall-finijiet ta' kalibrazzjoni tal-LGD skont il-paragrafu 161 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD].
    (b) jaqsmu s-sett ta' faċilitajiet koperti mill-istess mudell ta' LGD f'kemm segmenti differenti tal-kalibrazzjoni jkun meħtieġ meta kull segment tal-kalibrazzjoni jkollu profil ta' telf konsiderevolment differenti u għalhekk jista' jiġi affettwat b'mod differenti minn perjodi ta' tnaqqis differenti; għal dan il-għan, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-anqas jikkunsidraw l-adegwatezza tal-introduzzjoni ta' segmenti tal-kalibrazzjoni li jkopru l-ishma materjali tal-iskopertura f'żoni ġeografiċi differenti, f'setturi industrijali differenti u, għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, ta' tipi differenti ta' prodotti;

15. Fejn l-istituzzjonijiet jidentifikaw diversi perjodi ta' tnaqqis skont l-abbozz finali tal-RTS dwar it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku ppreżentati mill-EBA [RTS dwar it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku],
    (a) huma għandhom iwettqu kull wieħed mill-passi fis-sekwenza li ġejja:
        (i) jikkalibraw l-LGD ta' tnaqqis għal kull perjodu ta' tnaqqis identifikat skont it-Taqsima 4.3 għal kull segment tal-kalibrazzjoni;
        (ii) għal kull wieħed minn dawk il-perjodi ta' tnaqqis, japplikaw l-istimi li jirriżultaw tal-LGD ta' tnaqqis għall-iskoperturi mhux inadempjenti attwali tagħhom tat-tip ta' skoperturi kkunsidrati u fiż-żmien tal-kalibrazzjoni;
        (iii) jagħżlu l-perjodu bħala l-perjodu ta' tnaqqis finalment rilevanti li jirriżulta fl-ogħla LGD ta' tnaqqis medju, inkluż l-MoC finali kif stabbilit fil-paragrafu 45 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD], fuq segment tal-kalibrazzjoni kkunsidrat tal-iskoperturi mhux inadempjenti attwali tagħhom kif imsemmija fil-punt (ii). L-istituzzjonijiet imbagħad jenħtieġ li jużaw l-LGDs ta' tnaqqis li jirriżultaw, ibbażati fuq il-perjodu ta' tnaqqis finalment rilevanti, għal kull segment tal-kalibrazzjoni sabiex jikkonformaw mal-paragrafu 181 (1)(b) CRR.

(iv) f'każ li l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jikkalibraw l-LGD ta' tnaqqis skont it-Taqsima 5 jew it-Taqsima 6 għal mill-anqas perjodu wieħed ta' tnaqqis iżda ma jkunux kapaċi jikkwantifikaw l-LGD ta' tnaqqis skont it-Taqsima 5 jew it-Taqsima 6 għal perjodu ta' tnaqqis wieħed jew diversi, jikkunsidraw biss l-istimi bbażati fuq it-Taqsima 5 jew it-Taqsima 6, u jżidu MoC tal-Kategorija A xieraq skont il-paragrafu 37(a) tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD] għall-istimi finali tal-LGD ta' tnaqqis sabiex ikopru l-perjodi ta' tnaqqis meta ma tkunx disponibbli *data* suffiċjenti u rilevanti tat-telf sabiex jiġi valutat jew stmat l-impatt;

(b) B'deroga mill-paragrafu 15(a)(i), l-istituzzjonijiet ma għandhomx għalfejn jipprovdu kalibrazzjoni tal-LGD ta' tnaqqis għal segment tal-kalibrazzjoni kkunsidrat għal perjodi ta' tnaqqis identifikati skont l-[RTS dwar it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku] meta l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jipprovdu evidenza li l-fatturi ekonomiċi relatati ma jkunux rilevanti għas-segment tal-kalibrazzjoni kkunsidrat.

## 4.1 Rekwiżiti li japplikaw għall-istimi finali tal-LGD ta' tnaqqis

16. Sabiex jiġi żgurat li l-LGDs ta' tnaqqis li jirriżultaw jintużaw jekk ikunu aktar konservattivi mil-LGDs medji fuq perjodu twil relatati f'konformità mal-Artikolu 181(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet japplikaw dan li ġej:

(a) fejn l-istituzzjonijiet jużaw metodoloġiji ta' stima separati għal-LGD medji fuq perjodu twil u l-LGD ta' tnaqqis, iqabblu l-LGDs ta' tnaqqis finali tagħhom użati għall-kalibrazzjoni flimkien mal-MoC finali relatat kif stabbilit fil-paragrafu 45 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD], mal-LGDs medji fuq perjodu twil tagħhom flimkien mal-MoC finali relatat kif stabbilit fil-paragrafu 45 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD] fil-livell fejn l-LGD medju fuq perjodu twil jiġi kkalkulat għall-iskop ta' kalibrazzjoni tal-LGD skont il-paragrafu 161 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD];

(b) fejn l-istituzzjonijiet jistabbilixxu stima unika tal-LGD, li tinvolvi stima tal-LGD medju fuq perjodu twil u aġġustament għat-tnaqqis miżjud mal-istima tal-LGD medju fuq perjodu twil, huma jenħtieġ li jiżguraw li l-MoC finali kif stabbilit fil-paragrafu 45 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD] fuq l-istimi tal-LGD ta' tnaqqis jinkludi l-inċertezzi li jirriżultaw kemm mill-istima tal-LGD medju fuq perjodu twil kif ukoll mill-kalkolu tal-aġġustament għat-tnaqqis.

17. Għal mudelli b'motivaturi tar-riskju sensittivi għaċ-ċiklu ekonomiku, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jiżguraw li l-istimi li jirriżultaw tal-LGD ta' tnaqqis ma jkunux sensittivi żżejjed għall-bidliet fiċ-ċiklu ekonomiku. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jagħmlu dan kollu li ġej:

(a) janalizzaw id-differenza bejn id-distribuzzjoni tal-iskoperturi fuq gradi jew aggregazzjonijiet ta' faċilitajiet, jew fuq intervalli xierqa fil-każ ta' skali kontinwi ta' faċilitajiet, tal-portafoll attwali u d-distribuzzjoni probabbli tal-portafoll attwali affettwat mill-perjodu rilevanti ta' tnaqqis magħżul skont il-paragrafu 15,

(b) jekk ikun hemm differenza sostanzjali bħala riżultat tal-analiżi fil-punt (a), l-istituzzjonijiet jenħtieġ li japplikaw aġġustament għall-istimi tagħhom tal-LGD ta' tnaqqis sabiex jillimitaw l-impatt kapitali ta’ tnaqqis fir-ritmu ekonomiku skont l-Artikolu 181(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

18. L-istituzzjonijiet jenħtieġ li jqabblu l-LGD ta' tnaqqis finali mal-valur referenzjarju kkalkulat skont it-Taqsima 8 fuq l-RDS korrispondenti u kkalkulat tal-anqas fil-livell tas-segmenti tal-kalibrazzjoni. L-istituzzjonijiet jenħtieġ li jiġġustifikaw kwalunkwe differenza materjali bejn l-LGD ta' tnaqqis finali u l-valur referenzjarju.

19. Meta jqabblu l-LGD ta' tnaqqis finali mal-valur referenzjarju f’konformità mal-paragrafu 18, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jqisu dan kollu li ġej:

(a) Differenza materjali bejn l-LGD ta' tnaqqis finali flimkien mal-MoC finali kif stabbilit fil-paragrafu 45 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD] u l-valur referenzjarju tista’ tiġi ġustifikata jekk il-perjodu tat-telf identifikat mill-valur referenzjarju ma jirriżultax minn perjodu ta’ tnaqqis - potenzjalment mhux identifikat - jew jekk id-differenza tkun minħabba r-rekwiżit tal-MoC minimu fil-paragrafu 36(b) fejn l-LGD ta' tnaqqis ikun ibbażat fuq il-metodoloġija fit-Taqsima 7. Jekk l-LGD ta' tnaqqis sottostanti jkun ibbażat fuq il-metodoloġija fit-Taqsima 5, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-evidenza miġbura mill-valutazzjoni tal-impatt fil-paragrafu 27.

(b) Jekk id-differenza materjali bejn l-LGD ta' tnaqqis finali u l-valur referenzjarju ma tkunx tista’ tiġi ġustifikata, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jivvalutaw mill-ġdid il-kwantifikazzjoni tagħhom tal-LGD ta' tnaqqis billi jiżguraw b’mod partikolari li l-perjodi ta’ tnaqqis ikunu ġew identifikati b’mod komprensiv u li, fejn jintużaw parametri intermedji, l-impatt tal-perjodu ta' tnaqqis rilevanti osservat (ibbażat fuq it-Taqsima 5) jew stmat (ibbażat fuq it-Taqsima 6) fuq il-parametri intermedji jkun ġie aggregat adegwatament. Wara li l-istituzzjoni tkun ivvalutat mill-ġdid il-kwantifikazzjoni tagħha tal-LGD ta' tnaqqis, u l-metodoloġija tiġi valutata bħala adegwata, tkun tista’ tiġi spjegata differenza materjali mill-valur referenzjarju.

## 4.2 Stima tal-LGD ta' tnaqqis għal skoperturi inadempjenti

20. Għal stima tal-LGD ta' tnaqqis għal skoperturi inadempjenti, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jużaw l-istess perjodu ta’ tnaqqis kif identifikat għall-iskoperturi mhux inadempjenti korrispondenti.

21. Għal stima tal-LGD ta’ tnaqqis għal skoperturi inadempjenti għall-perjodu ta’ tnaqqis msemmi fil-paragrafu 20, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jikkonformaw ma’ dan kollu li ġej:

(a) Il-komponent tat-tnaqqis tal-istima tal-LGD għall-iskoperturi inadempjenti kif imsemmija fil-paragrafu 193(b)(i) tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD] jenħtieġ li jiġi kkwantifikat jew billi:

(i) jiġi kkalibrat l-LGD ta’ tnaqqis għall-iskoperturi inadempjenti kkunsidrati għal kull data ta’ referenza skont it-Taqsima 4.3 billi jiġi inferit il-komponent tat-tnaqqis tal-

LGD inadempjenti għal kull data ta' referenza abbażi tad-differenza bejn l-istimi tal-LGD ta' tnaqqis u l-ELBE; jew

(ii) l-ewwel jiġi kkalibrat l-LGD ta' tnaqqis skont it-Taqsima 4.3 għall-iskoperturi inadempjenti kkunsidrati għall-mument tal-inadempjenza u suċċessivament jiġi inferit il-komponent tat-tnaqqis tal-LGD inadempjenti f'dati ta' referenza oħra abbażi tad-differenza bejn l-istimi tal-LGD ta' tnaqqis fil-mument tal-inadempjenza u l-ELBE fil-mument tal-inadempjenza.

(b) Sabiex jikkonformaw mal-paragrafu 21(a)(ii), l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-komponent tat-tnaqqis tal-istimi tal-LGD għall-iskoperturi mhux inadempjenti minflok il-komponent tat-tnaqqis għall-iskoperturi inadempjenti fil-mument tal-inadempjenza meta l-istituzzjoni tkun tista' tipprovdi evidenza li dan jirriżulta fi stimi aktar konservattivi.

(c) Sabiex jikkonformaw mal-paragrafu 21(b) u fejn l-istituzzjonijiet jużaw metodoloġiji ta' stima separati għal-LGD medju fuq perjodu twil u għal-LGD ta' tnaqqis skont il-paragrafu 16(a), il-komponent tat-tnaqqis tal-istimi tal-LGD għall-iskoperturi mhux inadempjenti jista' jiġi inferit billi tiġi kkunsidrata d-differenza bejn l-istimi li jirriżultaw tal-LGD ta' tnaqqis u l-LGDs medji fuq perjodu twil korrispondenti b'kont meħud tal-paragrafu 193 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD].

## 4.3 Stima tal-LGD ta' tnaqqis għal perjodu ta' tnaqqis ikkunsidrat

22. Sabiex jikkalibraw l-LGD ta' tnaqqis għal kull perjodu ta' tnaqqis ikkunsidrat, identifikat skont ir-Regolament (UE) xx/xx [RTS dwar it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku], l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jużaw wieħed mit-tliet tipi ta' approċċi stabbiliti fit-Taqsima 5, fit-Taqsima 6 u fit-Taqsima 7 ta' dawn il-linji gwida skont il-ġerarkija stabbilita fil-paragrafi 23 sa 25 hawn taħt.

23. Fejn l-istituzzjonijiet ikollhom *data* suffiċjenti u rilevanti dwar it-telf sabiex iwettqu l-analiżi tal-impatt stabbilita fil-paragrafu 27, huma jenħtieġ li jikkalibraw l-LGD ta' tnaqqis għall-perjodu ta' tnaqqis ikkunsidrat skont it-Taqsima 5 ta' dawn il-linji gwida. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jiżguraw li d-*data* rilevanti dwar it-telf tkun disponibbli matul il-perjodu ta' tnaqqis ikkunsidrat kif ukoll matul perjodu xieraq qabel u wara l-perjodu tat-tnaqqis ikkunsidrat.

24. Meta ma tkunx disponibbli *data* suffiċjenti u rilevanti dwar it-telf sabiex jiġi valutat l-impatt tal-perjodu ta' tnaqqis ikkunsidrat iżda jkun possibbli li jiġi kkalibrat l-LGD ta' tnaqqis għall-perjodu tat-tnaqqis ikkunsidrat billi jiġi applikat l-approċċ stabbilit fit-Taqsima 6, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jikkalibraw l-LGD ta' tnaqqis għall-perjodu tat-tnaqqis ikkunsidrat skont it-Taqsima 6 ta' dawn il-linji gwida.

25. Meta ma tkunx disponibbli *data* suffiċjenti u rilevanti dwar it-telf sabiex jiġi valutat l-impatt tal-perjodu ta' tnaqqis ikkunsidrat, u ma jkunx possibbli li jiġi kkwantifikat l-LGD ta' tnaqqis għall-perjodu tat-tnaqqis ikkunsidrat billi jiġi applikat l-approċċ stabbilit fit-Taqsima 6, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jikkalibraw l-LGD ta' tnaqqis għall-perjodu tat-tnaqqis ikkunsidrat skont it-Taqsima 7 ta' dawn il-linji gwida.

26. Irrispettivament mill-approċċ użat għall-kalibrazzjoni tal-LGD ta’ tnaqqis, l-istituzzjonijiet jeħtieġ li jżommu mal-prinċipji li ġejjin

(a) fejn l-approċċ użat jinvolvi l-istima jew l-analiżi ta’ parametri intermedji differenti, l-aggregazzjoni ta’ dawn il-parametri intermedji għall-iskop ta’ kalibrazzjoni tal-LGD ta’ tnaqqis jeħtieġ li tibda bil-parametru fejn jiġi osservat l-akbar impatt skont il-paragrafu 27 jew stmat skont il-paragrafu 30 u kwalunkwe impatt addizzjonali osservat jew stmat fuq parametri oħra jeħtieġ li jiġi miżjud fejn meħtieġ.

(b) L-istimi tal-LGD ta’ tnaqqis ma għandhomx ikunu preġudikati mill-flussi tal-flus osservati jew stmati li jiġu riċevuti b’dewmien konsiderevolment itwal mill-perjodu msemmi fil-paragrafu 156 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD] u li jistgħu pjuttost jirriflettu żieda jew kundizzjonijiet ekonomiċi mtejba wara l-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat.

# 5. Stima tal-LGD ta’ tnaqqis abbażi tal-impatt osservat

27. Sabiex jikkalibraw l-LGD ta’ tnaqqis abbażi tal-impatt osservat ta’ perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat, l-istituzzjonijiet jeħtieġ li jwettqu analiżi tal-impatt ta’ dan il-perjodu ta’ tnaqqis fuq id-*data* tat-telf relatata mas-segment tal-kalibrazzjoni kkunsidrat.

(a) L-analiżi bħala minimu għandha tinkludi dawn kollha li ġejjin:

(i) evidenza ta’ livelli ogħla ta’ LGDs realizzati, xprunati mill-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat, b’kont meħud ta’ dawn kollha li ġejjin:

(1) l-LGDs realizzati jeħtieġ li jiġu kkalkulati bħala medji relatati mal-inadempjenzi kollha li seħħew f’sena kkunsidrata u li jkunu jew laħqu ż-żmien massimu tagħhom ta’ rkupru skont il-paragrafu 156 [LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD] jew ikunu għalqu qabel;

(2) għall-proċessi ta’ rkupru kollha mhux kompluti ta’ skoperturi inadempjenti li ma jkunux laħqu ż-żmien massimu ta’ rkupru tagħhom skont il-paragrafu 156 [LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD], jeħtieġ li jiġu komputati l-irkupri marġinali milħuqa f’kull sena wara l-inadempjenza. Il-mudelli ta’ rkupru li jirriżultaw jeħtieġ li jitqabblu mal-mudelli ta’ rkupru tal-inadempjenzi kkunsidrati fl-ittra (1) għal kull sena li fiha jkunu seħħu l-inadempjenzi.

(ii) evidenza ta’ tnaqqis fl-irkupri annwali skont is-sorsi ta’ rkupri li jkunu rilevanti għas-segment tal-kalibrazzjoni kkunsidrat. Dawn l-irkupri annwali jeħtieġ li jiġu analizzati bi u mingħajr ksib lura fejn applikabbli u irrispettivament mid-data tal-inadempjenza;

(iii) evidenza ta’ tnaqqis fl-għadd ta’ skoperturi li kienu inadempjenti u reġgħu lura għall-istatus ta’ mhux inadempjenti f’perjodi ta’ żmien fissi predefiniti għall-inadempjenzi kollha li seħħew f’sena kkunsidrati skont l-Artikolu 178(5) tar-

Regolament (UE) Nru 575/2013; Il-perjodu ta’ żmien fiss predefinit jenħtieġ li jkun xieraq għat-tip ta’ skopertura kkunsidrata.

(iv) evidenza ta’ żieda fiż-żmien ta’ inadempjenza kull sena relatata mal-inadempjenzi kollha f’sena kkunsidrata.

(b) L-analiżi meħtieġa fil-paragrafu 27(a) għandha tikkunsidra l-akbar għadd possibbli ta' punti fiż-żmien meta tkun disponibbli *data* rilevanti suffiċjenti dwar it-telf. Inkella, jekk tkun disponibbli biss *data* rilevanti skarsa dwar it-telf fuq bażi annwali, l-istituzzjonijiet għandhom jgħaqqdu flimkien snin konsekuttivi ta’ osservazzjonijiet sakemm dawn ikunu kkunsidrati bħala ta’ valur miżjud għall-analiżi.

(c) L-analiżi meħtieġa fil-paragrafu 27(a) u (b), għandha tqis kwalunkwe dewmien bejn perjodu ta’ tnaqqis u ż-żmien meta jiġi osservat l-impatt potenzjali tiegħu fuq id-*data* tat-telf rilevanti.

28. Fuq il-bażi tal-evidenza miksuba mill-analiżi tal-impatt imsemmija fil-paragrafu 27, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jikkalibraw l-LGD ta’ tnaqqis billi japplikaw metodoloġija ta’ stima li tkun koerenti mal-evidenza miksuba mill-analiżi tal-impatt.

29. Fejn l-analiżi tal-impatt imwettqa skont il-paragrafu 27 ma turi l-ebda impatt ta’ perjodu ta’ tnaqqis fuq id-*data* tat-telf rilevanti ta’ istituzzjoni, b’mod li t-telf realizzat medju li jiġi osservat fil-perjodu tat-tnaqqis ma jkunx differenti minn dak f’sitwazzjonijiet ekonomiċi oħra, l-istituzzjoni tista’ tuża l-LGD medju fuq perjodu twil bħala l-LGD ta’ tnaqqis, fejn japplika dan kollu li ġej:

(a) l-istituzzjoni tiżgura u tiddokumenta li n-nuqqasijiet identifikati u l-MoC applikat skont it-Taqsima 4.4 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD] jinkorporaw l-elementi addizzjonali kollha ta’ inċertezza relatati mal-perjodi ta’ tnaqqis identifikati;

(b) għall-finijiet tal-ittra (a), jenħtieġ li l-istituzzjoni tivverifika b’mod partikolari li, għall-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat, l-ebda wieħed min-nuqqasijiet identifikati taħt l-MoC tal-Kategorija A skont il-paragrafu 37(a) tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD] ma jkun ta’ severità ogħla u li ma jkunu applikabbli ebda defiċjenzi jew aġġustamenti addizzjonali taħt l-MoC tal-Kategorija B skont il-paragrafu 37(b) tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD].

# 6. Stima tal-LGD ta’ tnaqqis abbażi tal-impatt stmat

30. Fejn japplika l-paragrafu 24, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jikkalibraw l-LGD ta’ tnaqqis billi jużaw waħda mill-metodoloġiji speċifikati fil-paragrafu 31 (“approċċ tat-telf impost”) u fil-paragrafu 32 (“approċċ ta' estrapolazzjoni”) jew kombinazzjoni tagħhom. Qabel ma

jikkwantifikaw l-istimi tagħhom tal-LGD ta’ tnaqqis, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jagħżlu l-metodoloġija l-aktar rilevanti abbażi ta’:

(a) l-adegwatezza tal-metodoloġija sabiex jiġi stmat l-impatt tal-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat fuq l-LGDs realizzati, il-parametri intermedji jew il-motivaturi tar-riskju;

(b) fejn ikun rilevanti, il-ħtieġa li tintuża kombinazzjoni tal-metodoloġiji sabiex jiġi żgurat li l-LGDs ta’ tnaqqis li jirriżultaw għall-perjodu tat-tnaqqis ikkunsidrat jirriflettu adegwatament impatt potenzjali tat-tnaqqis fuq il-komponenti materjali kollha tat-telf ekonomiku skont it-Taqsima 6.3.1 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD] u skont il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 26;

B’mod partikolari, l-approċċ tat-telf impost għandu jitqies bħala l-aktar xieraq għall-finijiet ta’ hawn fuq meta l-valur tas-suq jew indiċi korrispondenti relatat ma’ tip rilevanti ta’ kollateral iservi bħala input dirett jew trasformat fil-mudell ta’ istituzzjoni għall-istima tal-LGD u jkun ġie identifikat bħala fattur ekonomiku rilevanti skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru xx/xxx [RTS dwar it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku].

31. (“Approċċ tat-telf impost”) Għall-finijiet ta’ dawn il-linji gwida, “approċċ tat-telf impost” jirreferi għal approċċ għall-istima tal-impatt tal-perjodu ta’ tnaqqis fuq l-LGDs realizzati, il-parametri intermedji jew il-motivaturi tar-riskju li fih fattur ekonomiku wieħed jew diversi kif imsemmija fir-Regolament (UE) xx/xx [RTS dwar it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku] ikunu input(s) dirett(i) jew trasformat(i) fil-mudell tal-LGD u fejn għall-finijiet ta’ din l-istima, dawn l-input(s) jiġu aġġustati sabiex jirriflettu l-impatt tal-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat. B’mod partikolari, fejn il-fattur ekonomiku kkunsidrat jirrigwarda l-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat, it-telf impost jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-osservazzjoni l-aktar severa ta’ dan il-fattur ekonomiku skont l-ispeċifikazzjoni tas-severità ta’ tnaqqis fir-ritmu ekonomiku stabbilita fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) xx/xx [RTS dwar it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku].

32. (“Approċċ ta’ Estrapolazzjoni”) Għall-finijiet ta’ dawn il-linji gwida, “approċċ ta’ estrapolazzjoni” jirreferi għall-istima tal-impatt tal-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat fuq l-LGDs, il-parametri intermedji jew il-motivaturi tar-riskju jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) meta tkun tista’ tiġi stabbilita dipendenza statistikament sinifikanti bejn l-LGDs realizzati, il-parametri intermedji jew il-motivaturi tar-riskju, fuq medja ta’ perjodi xierqa fiż-żmien, u l-fatturi ekonomiċi magħżula skont l-Artikolu 2 tar-Regolament xx/xxx [RTS dwar it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku] li jkunu rilevanti għall-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat, l-istimi li jirriżultaw ikunu bbażati fuq il-valuri estrapolati tal-LGDs medji realizzati, il-parametri intermedji jew il-motivaturi tar-riskju għall-perjodu li jirrifletti l-impatt tal-perjodu ta’ tnaqqis;

(b) meta ma tkun tista’ tiġi stabbilita l-ebda dipendenza statistikament sinifikanti kif deskritta fil-paragrafu 32(a) għal parametru intermedju jew motivatur tar-riskju, l-istituzzjonijiet jistgħu jistmaw l-impatt tal-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat, fuq parametru intermedju jew motivatur tar-riskju abbażi tad-*data* osservata minn perjodu differenti, meta jiġu ssodisfati t-tliet kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) tal-anqas dawk il-komponenti tat-telf ekonomiku li jispjegaw il-proporzjon prinċipali tat-telf ekonomiku totali jenħtieġ li jiġu stmati jew

bl-approċċ tat-telf impost skont il-paragrafu 31 jew bl-approċċ ta' estrapolazzjoni skont il-paragrafu 32(a);

(ii) l-istituzzjoni jkollha *data* osservata għall-parametru intermedju jew għall-motivatur tar-riskju għal perjodu ta' żmien suffiċjenti li jkun tal-anqas twil daqs il-perjodu msemmi fl-Artikolu 181(1)(j) jew fl-Artikolu 181(2), l-aħħar subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; dan il-perjodu ta' żmien għandu jinkludi perjodu fejn il-fattur(i) ekonomiku/ekonomiċi sottostanti għall-perjodu tat-tnaqqis ikkunsidrat juru valuri li jirrappreżentaw kundizzjonijiet ekonomiċi avversi.

(iii) il-parametru intermedju jew il-motivatur tar-riskju kkunsidrat juri volatilità baxxa fil-perjodi msemmija fis-subpunt (ii).

33. Fejn l-istituzzjonijiet ikollhom *data* osservata li tkopri l-perjodu ta' tnaqqis u li tirrifletti l-impatt tal-kundizzjonijiet rispettivi ta' tnaqqis ikkunsidrati, fuq parametru intermedju jew motivatur tar-riskju, huma jenħtieġ li jużaw id-*data* osservata flimkien mal-Approċċ tat-Telf Impost jew l-Approċċ ta' Estrapolazzjoni sabiex jikkalibraw l-LGD ta' tnaqqis għall-perjodu ta' tnaqqis ikkunsidrat skont il-paragrafu 30.

34. Fejn l-istituzzjonijiet japplikaw xi wieħed mill-approċċi deskritti fil-paragrafi 31 sa 33 sabiex jistmaw il-parametri intermedji jew il-motivaturi tar-riskju, huma jenħtieġ li jiżguraw li l-istruttura ta' dipendenza bejn il-parametri intermedji jew il-motivaturi tar-riskju tiġi riflessa b'mod xieraq fl-aggregazzjoni ta' dawn il-parametri intermedji jew il-motivaturi tar-riskju skont il-paragrafu 30.

35. Sabiex jirriflettu n-nuqqas ta' *data* suffiċjenti dwar it-telf, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jikkwantifikaw MoC tal-Kategorija A strettament pożittiv skont il-paragrafu 37(a)(xi) tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD] għall-approċċi kollha f'din it-taqsima. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet li japplikaw approċċ ta' estrapolazzjoni:

(a) kif imsemmi fil-paragrafu 32(a), jenħtieġ li jikkwantifikaw l-MoC tal-Kategorija A billi jużaw intervall ta' fiduċja xieraq biex jirriflettu l-inċertezza relatata mal-mudell statistiku użat biex jiddeskrivi d-dipendenza bejn l-LGDs realizzati, il-parametri intermedji jew il-motivaturi tar-riskju u l-fatturi ekonomiċi rilevanti;

(b) għal parametru intermedju jew motivatur tar-riskju kif imsemmija fil-paragrafu 32(b), jenħtieġ li jikkwantifikaw l-MoC tal-Kategorija A billi jqisu l-proporzjon tal-valur(i) tal-fattur(i) ekonomiku/ekonomiċi sottostanti għall-perjodu ta' tnaqqis ikkunsidrat, identifikat skont l-Artikolu 3 tar-Regolament xx/xxx [RTS dwar it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku] u l-valur(i) tal-fattur(i) ekonomiku/ekonomiċi osservat(i) fil-perjodi msemmija fil-paragrafu 32(b)(ii);

# 7. Stima tal-LGD ta’ tnaqqis fejn ma jkunx disponibbli l-impatt osservat jew stmat

36. Fejn id-*data* tat-telf rilevanti sabiex jiġi valutat l-impatt tal-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat ma tkunx disponibbli u ma jkunx possibbli wkoll li jiġi kkalibrat l-LGD ta’ tnaqqis għall-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat skont it-Taqsima 6 ta’ dawn il-linji gwida, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jikkwantifikaw l-LGD ta’ tnaqqis permezz ta’ kwalunkwe approċċ ieħor soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma jenħtieġ li jiżguraw li l-MoC xieraq li huwa meħtieġ li jiġi applikat skont it-Taqsima 4.4.3 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD] jinkludi MoC tal-Kategorija A li jkun strettament pożittiv biex jagħti kont tad-*data* nieqsa;

(b) huma jenħtieġ li jiżguraw li l-istimi li jirriżultaw tal-LGD ta’ tnaqqis, inkluż l-MoC finali kif stabbilit fil-paragrafu 45 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD], għall-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat, ikunu ogħla jew daqs il-minimu bejn

- l-LGDs medji fuq perjodu twil relatati flimkien ma’ supplimentazzjoni ta’ 15-il punt perċentwali u
- 105 %;

Barra minn hekk, huma jenħtieġ li jipprovdu ġustifikazzjoni għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li ma jistgħux jikkalibraw LGD ta’ tnaqqis xieraq għall-perjodu ta’ tnaqqis ikkunsidrat billi japplikaw kwalunkwe wieħed mill-approċċi stabbiliti fit-Taqsima 5 u fit-Taqsima 6 ta’ dawn il-linji gwida.

# 8. Valur Referenzjarju

37. L-istituzzjonijiet jenħtieġ li jikkalkulaw valur referenzjarju skont is-sekwenza ta’ passi li ġejja:

(a) Billi jużaw id-*data* kollha disponibbli dwar it-telf, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jagħżlu s-sentejn individwali bl-ogħla telf ekonomiku osservat billi:

(i) jiġbru flimkien l-inadempjenzi kollha skont is-sena li fiha jkunu seħħew l-inadempjenzi;

(ii) għal kull sena kif identifikata fil-punt (i), jikkalkulaw għall-inadempjenzi li seħħew fis-sena kkunsidrata, il-proporzjon tat-telf ekonomiku totali kif speċifikat fit-Taqsima 6.3.1 tal-[LG tal-EBA dwar l-istima tal-PD u tal-LGD]

għall-ammont pendenti totali tal-obbligi ta’ kreditu relatati fil-mument tal-inadempjenza;

(iii) jagħżlu s-sentejn individwali bl-ogħla proporzjon annwali ta’ telf ekonomiku totali għall-ammont pendenti totali li jirriżulta minn (ii) bħala s-sentejn individwali bl-ogħla telf ekonomiku osservat.

(b) L-istituzzjonijiet jenħtieġ li jikkalkulaw il-valur(i) referenzjarju/referenzjarji tal-anqas għal kull segment tal-kalibrazzjoni bħala l-medja sempliċi tal-LGDs realizzati medji mis-sentejn individwali bl-ogħla telf ekonomiku osservat, kif identifikati fil-paragrafu 37(a)(iii).